MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 1480/1991/1

**John Gauci Maistre bhala mandatarju ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera "Commodore Electronics Limited" u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` "Economicard Worldwide Limited"**

**Vs**

**Marcel Mizzi f'ismu proprju u ghan-nom tad-ditta "Digitone" u Marco Farrguia u Kevin Galea ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` "Zorin Ltd" u l-istess Marcel Mizzi, Marco Farrugia u Kevin Galea f'isimhom proprju u ghan-nom tad-ditta "KM Trading"**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi s-socjeta` attrici “Economicard Worldwide Limited” hija proprjetarja *tat-Trade Mark* “Amiga 500 Plus” u s-socjeta` l-ohra attrici hija proprjetarja tat-*trade marks* “Commodore” u “Amiga”;

Premess illi l-istanti huwa *sole agent* u rapprezentant f’Malta tas-socjeta` attrici “Commodore Electronics Limited” awtroizzat biex jimporta u jbiegh lokalment il-prodotti kollha tal-*computers* u accessorji li jgibu l-ismijiet fuq imsemmija ta’ “Commodore” “Amiga” u “Amiga 500 Plus”;

Premess illi l-konvenuti f’dawn l-ahhar xhur akkwistaw *computers* tal-marki fuq imsemmija u esponewhom u bieghawhom lill-pubbliku bl-asserzjoni li huma kienu l-agenti, l-importaturi u r-rapprezentanti f’Malta ta’ dawn il-*computers*;

Premess illi ghal habta ta’ Novembru 1991 il-konvenut Marcel Mizzi *ad insaputa* ta’ l-esponent xtara *computer* “Amiga 500 Plus” min-negozju ta’ l-istanti u esponieh ghall-bejgh lill-pubbliku fil-Giftsware and Toys Fair li saret fin-Naxxar bejn id-29 ta’ Novembru u 8 ta’ Dicembru 1991;

Premess illi meta esbixxa dan il-*computer* l-istess konvenut Mizzi irreklamah bil-logo proprjeta` ta’ l-istanti;

Premess illi l-istanti ilu zmien twil jinnegozja u jbiegh l-imsemmija *computers* taht l-ismijiet imsemmija li jinsabu inkorporati f’tikketti u logos tal-ghamla originali kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Premess illi l-agir abusiv u illegali tal-konvenut huwa intiz biex iqarraq bil-pubbliku u qieghed jikkaguna tahwid fis-suq lokali bi pregudizzju u dannu ghan-negozju ta’ l-attur *nomine*;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara illi l-agir tal-konvenuti jikkostitwixxi konkorrenza slejali skond il-ligi man-negozju tas-socjetajiet attrici in vjolazzjoni tal-jeddijiet esklusivi ta' l-istess socjetajiet mill-uzu ta' l-istess marki;

2. Tikkundanna lill-konvenuti jieqfu minnufih milli jaghmlu uzu fil-kummerc taghhom ta' l-ismijiet, marki u distintivi bl-ismijiet "Amiga 500 Plus", "Commodore" u "Amiga";

3. Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenjaw lill-attur *nomine* jew lil persuna ohra li tiddistina l-Qorti, fi zmien qasir u perentorju, it-tikketti, moduli u kwalunkwe materjal iehor stampat jew xort'ohra li jgibu l-marki "Commodore", "Amiga" u "Amiga 500 Plus" fuq deskritti, u dan biex ikunu distrutti skond il-ligi, salv li l-Qorti taghti kull provvediment iehor li jistghu fic-cirkustanzi tal-kaz inehhi l-atti frawdolenti tal-konvenuti li biha saret il-konkorrenza slejali;

4. L-istess konvenuti minhabba l-uzu li ghamlu u li qeghdin jaghmlu illegalment tal-marki distintivi "Amiga", "Commodre" u "amiga 500 Plus" jigu kundannati jhallsu bhala penali dik is-somma li tigi ffissata mill-Qorti;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Protest Gudizzjarju u tal-Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-noti separati (pero` identici) ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Marcel Mizzi *proprio*; Marco Farrugia u Kevin Galea ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Zorin Ltd; Marcel Mizzi, Marco Farrugia u Kevin Galea ghan-nom tad-ditta KM Trading; Marcel Mizzi ghad-ditta Digitone; Kevin Galea *proprio*; u Marco Farrugia *proprio*, illi permezz taghhom huma eccipew:-

Illi t-talbiet attrici kellhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi huma nfondati kemm fil-fatt u fid-dritt peress illi huma personalment qatt ma akkwistaw, esponew jew bieghu *computers* tal-marka "Commodore", "Amiga" u "Amiga

500" lill-pubbliku bl-asserzjoni li huma kienu l-agent, importatur u rapprezentant f'Malta ta' dawn il-*computers*;

Illi ma kienx minnu illi l-konvenuti qarrqu bil-pubbliku u kkagunaw tahwid u dannu lill-attur *nomine*;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati ta' l-istess konvenuti *proprio et nomine* u l-listi tax-xhieda minnhom indikati;

Rat id-digriet ta' l-10 ta' Marzu 1992 li permezz tieghu gie nominat l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia biex jisma l-provi;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Din hi kawza stramba fejn ghal kwazi ghaxar (10) snin minn meta giet introdotta fit-30 ta' Dicembru 1991 jew ma tressqux provi jew il-partijiet illimitaw ruhhom biex jitolbu differimenti (kwazi erba' snin) ghal probabbli transazzjoni. Imbaghad f'hames (5) xhur inghalqu l-provi kollha da parte ta' l-attur *nomine* li matulhom il-konvenuti baqghu inattivi u ma pproducew l-ebda provi;

Intant mill-ezami tal-fatti f'din l-istanza fejn fiha xehed kwazi esklussivament David Said (fol. 74) manager tas-socjeta` attrici Economicard Worldwide Limited insibu dawn l-aspetti ta' interess ghal finijiet tal-vertenza:-

I. Din is-socjeta` hi l-agent lokali tad-ditti esteri li jipproducu l-Commodore u Amiga *computers*. Fil-fatt jinghad li hi kellha "*s-sole and exclusive agency*" tad-ditta Amiga;

II. Kien mahsub li ghal Fiera ta' l-1991 is-socjeta` attrici tispaccja ghal bejgh il-prodott gdid ta' *computer* maghruf bhala Amiga 500 Plus. Ghal dan il-fini gie preparat lokalment dizinn jew logo appozitu biex jintuza bhala *sticker* reklamanti l-prodott;

III. Irrizulta li f'din l-istess Fiera s-socjeta` konvenuta Digitone esebiet fl-istand taghha wiehed mill-*computers* l-godda Amiga 500 Plus identiku f'kollox, kompriz l-isticker, ghal dak distribwit mis-socjeta` attrici. Dan il-*computer* kien wiehed li s-socjeta` attrici kienet bieghet lis-sub-agent taghha Future Keys li minn naha tieghu bieghu lil Digitone;

IV. Wara oggezzjoni mad-dirigenti tal-Fiera dan il-*computer* tnehha minn fuq l-istand fejn kien esebit minn din is-socjeta` konvenuta;

V. Gew esebiti ritratti li skond ix-xhud imsemmi jindikaw illi d-ditta konvenuta surreferita kienet qed taghti l-impressjoni li hi kienet l-agent ta' dan il-*computer*; *inter alia* ritratti ta' reklam espost fuq il-post gewwa l-Belt tad-ditta konvenuta indikanti li din kienet "Amiga Authorised Agents". Jinghad li dan kien eventwalment tnehha wara l-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni;

VI. L-attur *nomine* jilmenta li l-att kommess mis-socjeta` konvenuta gab tahwid u konfuzjoni fis-suq;

Dawn il-konsiderazzjonijiet ta' fatt iwasslu ghal dawn il-konsiderazzjonijiet ta' dritt;

L-attur *nomine* qieghed manifestament jezercita l-azzjoni naxxenti minn konkorrenza illecita. Huwa jsostni li s-socjeta` tieghu hi "*sole and exclusive agent*" tad-ditta Amiga u in kwantu tali hi biss ghandha l-esklusivita` tad-distribuzzjoni ta' din il-marka f'Malta. Huwa ghalhekk jilmenta illi s-socjeta` konvenuta Digitone ma setghetx tesponi *computer* Amiga 500 Plus ghal bejgh fil-Fiera ta' l-1991 u tirreklamah bil-logo proprjeta` taghha. Huwa zied jghid inoltre illi din l-istess socjeta` konvenuta kienet ilha

tbiegh *computers* bhal dawn u tirreklama lilha innifisha bhala xi agent tad-ditta estera;

Jinghad fid-decizjoni fl-ismijiet "**Carmela Gauci noe -vs- Neg. Joseph Scerri**", Qorti tal-Kummerc, per Imhallef Tancred Gouder, 29 ta' April 1955 illi "l-kummercjant, lil min dik il-konkorrenza tkun ghamlet danni, ghandu zewg azzjonijiet diversi. Huwa jista' jagixxi ghall-kundanna tal-kontravventur, jew kontra l-istess kontravventur, ghad-danni u interessi, liema azzjoni hi dik ordinarja preveduta; u din hija appuntu l-azzjoni li l-attrici *nomine* ghazlet, bazata fuq il-konkorrenza sleali da parte tal-konvenut b'dannu taghha, kif hi stess espremiet fl-att tac-citazzjoni.";

Jinghad imbaghad fis-sentenza deciza mill-istess Qorti tal-Kummerc fis-7 ta' Mejju 1934 fil-kawza fl-ismijiet "**S. Camilleri -vs- P. Bonnici**" (Vol. XXVIII P III p 1330) illi "*L'atto XXX del 1927 enumera tassattivamente quali siano i casi di concorrenza sleale, per cui l'azione analoga non si puo` esercitare"*;

F'dawn iz-zewg kazijiet gie stabbilit illi l-fatt li wiehed ibiegh prodott spaccjat minn kummercjant iehor dan jista' talvolta jaghti lok ghall-azzjoni naxxenti minn vjolazzjoni "*di diritti di privativa*" (mudell, markju jew dizinn distintiv iehor) izda mhux ghall-azzjoni ta' konkorrenza sleali. Intqal ghalhekk li mhux lecitu li wiehed jestendi l-kazijiet oltre dawk stabbiliti mil-legislatur in kwantu fuq l-insenjament tal-Professur Carlo Mallia, "*qui si tratta di veri e propri delitti commerciali che danno luogo a conseguenze molto serie*";

Jaghmel ghalhekk f'dan il-kuntest sens guridiku l-kumment tal-Qorti tal-Kummerc fil-kawza "**John Gauci Maistre noe -vs- Mario Camilleri pro et noe**", 17 ta' April 1997, illi "dan l-operat, deskritt bhala *parallel trading*, malgrado li jista' johloq tassew tahwid fil-mohh tal-konsumatur riferibbilment ghal min ikun jippretendi u jivvanta *sole agency*, pero` madanakollu jidher li hija prattika tollerata fil-limiti ta' legalita ... u jista' jitqies forma

ta' kummerc li mhux bil-fors huwa illecitu u li hu anzi accettat bhala wiehed li jista' jsir impunement.";

Biex jinghad b'aktar precizzazzjoni l-fatt lamentat mill-attur *nomine* taht dan l-aspett ma jirientra fl-ebda wahda mill-forom prevvisti mill-Kodici tal-Kummerc fl-Artikoli 32 sa 36;

Mhux l-istess jista' jinghad ghar-reklamar da parte tas-socjeta` konvenuta Digitone li hu "Amiga Authorised Agent" meta hu saput li mhux hekk huwa l-kaz;

Is-sentenza fl-ismijiet "**Maestro Paolo Nani pro et noe -vs- Oswald Arrigo noe et**" Qorti tal-Kummerc, 20 ta' Lulju 1950, qieset tali reklam bhala "*passing off*" in bazi ghall-Artikolu 32 tal-Kapitolu 13, li jikkreja misrapprezentazzjoni u allura tahwid u tqarrieq. Fil-kumpless il-Qorti tiddeciedi "*con riguardo all' impressione complessiva che puo` ricevere il pubblico medio"* (Francesco Ferrara "La Teoria Generale dell'Azienda", 1949 p 319, espressjoni citata fis-sentenza "**Peter Muscat Xerri noe -vs- Paul Bonnici noe**", Appell Kummercjali, 8 ta' Lulju 1980);

Il-fuq precitata sentenza tikkwalifika l-agir tal-konvenut f'dik il-kawza anke fuq il-bazi ta' l-Artikolu 34 tal-Kapitolu 13. Irriteniet illi "fl-avviz reklamistiku denunzjat, il-konvenut *nomine* ghamel uzu ta' ismijiet ta' ditti (dawk inglizi li taghhom hu agent eskluziv l-attur *nomine*) b'mod li jqarraq lil haddiehor dwar l-importanza tad-ditta lokali tieghu fl-ispacc tal-pjanijiet";

Zied jinghad illi ghalkemm huwa veru li l-konvenut *nomine* ma ddenigrax il-kummerc ta' l-attur *nomine* imma l-Artikolu 34 ma illimitax ruhu ghal kaz ta' denigrazzjoni biss, imma generikament irrefera ruhu ghall-fatt ta' tixrid ta' notizji li jistghu jaghmlu hsara lill-kummerc ta' negozjant iehor, bla ebda distinzjoni;

Huwa indubitat illi l-agir tas-socjeta` Digitone, li kienet l-unika wahda li giet identifikata mill-attur *nomine* li ikkommettiet l-att denunzjat pregudizjevoli ghall-interessi ta' l-attur *nomine*, jaqa' taht l-ipotesijiet kontemplati fl-

Artikoli 32 u 34 tal-Kodici tal-Kummerc u ghandu per konsegwenza jircievi s-sanzjoni tal-ligi prevvista mill-Artikolu 37 ta' l-istess Kapitolu 13.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet ta' Marcel Mizzi personalment (fol. 9) u tad-ditta Digitone (fol. 18), tilqa' t-Talbiet attrici b'dan li ghal fini tat-Tielet Talba tipprefiggi xahar zmien fuq din id-ditta biex tikkonsenja dak mitlub billi tiddepozita l-materjal taht l-Awtorita` ta' din il-Qorti, jew jekk dan il-materjal ma ghadux disponibbli din ghandha fl-istess zmien prefiss tipprezenta nota dikjarattiva f'dan is-sens.  Ghal fini tar-Raba' Talba l-Qorti qed tillikwida l-penali fl-ammont ta' tlett mitt lira Maltija (Lm300) u tikkundanna ghalhekk lill-imsemmi konvenut *proprio et nomine* li jhallas dan l-ammont lill-attur *nomine*.

L-ispejjez tal-kawza huma a karigu tal-konvenut Marcel Mizzi f'ismu proprju u ghan-nom tad-ditta Digitone.  L-ispejjez tal-konvenuti l-ohra li qed jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju huma a kariku ta' l-attur *nomine*.

--------------------------------TMIEM--------------------------------